Mejju 2017

# Kif għandha tkun identifikata sustanza li tikkonsisti f'"taħlita ta' isomeri"

## Introduzzjoni

Sustanza hija mmanifatturata bħala "taħlita ta' isomeri", li qabel kienet koperta mill-iskrizzjonijiet EINECS tal-isomeri individwali.

## Kompożizzjoni

Is-sustanza, li tikkonsisti f'żewġ isomeri (A u B), hija mmanifatturata bil-kompożizzjoni li ġejja:

| Kostitwenti | Numru EC | Numru CAS | Firxa ta' konċentrazzjoni (%) | Konċentrazzjoni tipika (%) |
|---|---|---|---|---|
| **Isomeru A:** 2,2'-[[(4-metil -1H-benzotriazol-1-il)metil]imino]bisetanol | 279-502-9 | 80584-89-0 | 50 - 70 | 60 |
| **Isomeru B:** 2,2'-[[(5-metil -1H-benzotriazol-1-il)metil]imino]bisetanol | 279-501-3 | 80584-88-9 | 30 - 50 | 40 |

## Identifikazzjoni

Peress li ż-żewġ kostitwenti fis-sustanza huma preżenti f'konċentrazzjoni ta' ≥ 10 % u < 80 %, l-għoti ta' ismijiet għandu jsegwi dak għal sustanza multikostitwenti. Skont il-konvenzjoni spjegata fil-*Gwida għall-identifikazzjoni u l-għoti ta' ismijiet lil sustanzi taħt REACH u CLP*, is-sustanza tingħata isem bħala "massa ta' reazzjoni" tal-isomeri A u B:

> Massa ta' reazzjoni ta' 2,2'-[[(4-metil-1H-benzotriazol-1-il)metil]imino]bisethanol u 2,2'-[[(5-metil-1H-benzotriazol-1-il)metil]imino]bisetanol

L-ebda numru EC ma jeżisti għas-sustanza, minħabba li l-massa ta' reazzjoni ma kinitx irrappurtata taħt EINECS. Madankollu, is-sustanza hija koperta mill-iskrizzjonijiet EINECS tal-kostitwenti tagħha (EC: 279-502-9, 279-501-3). Għalhekk, il-massa ta' reazzjoni hija sustanza ta' introduzzjoni gradwali.

Mejju 2017

| ! | **Nota ta' sfond:**<br><br>Qabel REACH, id-Direttiva dwar Sustanzi Perikolużi (Direttiva 67/548/KEE) irregolat it-tqegħid ta' sustanzi fis-suq. Is-sustanza kienet koperta mill-iskrizzjonijiet EINECS taż-żewġ isomeri individwali. Min-naħa l-oħra, REACH tirrikjedi r-reġistrazzjoni ta' sustanzi mmanifatturati jew importati. Madankollu, jekk sustanza li tikkonsisti f'forom ta' isomeri differenti tkun irreġistrata bħala sustanza multikostitwenti, ma hemm ebda bżonn li s-sustanza nnifisha tkun ittestjata, jekk il-profil ta' perikolu tas-sustanza jista' jkun deskritt b'suffiċjenza bl-informazzjoni disponibbli għall-isomeri individwali. |
|---|---|